MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Numru 603/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Sharon Tanti**

**V**

**CARMEL CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMEL CAMILLERI** bin il-mejjet Emanuel u l-mejta Michelina nee Felice, imwieled nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 1950 u residenti 8, Triq Santa Duminka, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 975750M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2003, u fil-gimghat ta’ qabel f’Haz Zabbar, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

a. Talli b’ghemil zieni kkorrompa lil Maria Barbara, minuri ta’ tnax il-sena;
b. Talli offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’post espost ghal pubbliku;
c. Talli kiser l-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] datata tnejn ta’ Gunju 2003 li biha gie liberat taht l-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ewwel ta’ Settembru 2003 kif jirrizulta a fol 28 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz in minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sitta ta’ Dicembru 2004 a fol 111 tal-atti odjerni.

Rat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2003 esibita fl-atti bhala dokument ST a fol 17 tal-atti.
Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ nhar l-ewwel ta’ Marzu 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Lulju 2003 **xehdet l-Ispettur Sharon Tanti** [fol 11] fejn qalet li fil-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2003, kienet giet infurmata minn *social worker* tac-Child Protection Services Unit li kien hemm certa Doris Barbara li kienet qed tirrapporta allegat abbuz sesswali fuq il-persuna ta’ bintha Maria Barbara ta’ tnax il-sena. Qalet li mill-ewwel mistoqsijiet li ghamlet permezz tat-telefon irrizulta li dan l-allegat abbuz sehh il-jum ta’ qabel filghaxija w ghalhekk kienet tat parir lil Doris Barbara sabiex tiehu lil bintha l-isptar sabiex isiru xi

testijiet fuqha. Ix-xhud kompliet tghid li dakinhar stess wara nofsinhar, kienet cemplet l-isptar fejn certa Miss Galea tal-Gynae kienet qaltilha li kien hemm Maria Barbara ta’ tnax il-sena ma ommha li kienet qed tallega abbuz sesswali u li kienu ser isiru xi testijiet fuqha. Qalet li fuq din l-informazzjoni hi nfurmat lil Magistrat tal-Ghassa Dottor Miriam Hayman li nnominat lil Robert Cardona u lil Doctor Mario Scerri fost esperti ohra f’dan il-kaz, sabiex jghinuha fil-gbir tal-provi ghal inkjesta.

Ix-xhud kompliet tghid li l-ghada marret l-isptar fejn sabet lil Doctor Mario Scerri u lil Doctor Yves Muscat Baron li nfurmawha li kienu ghamlu l-ezamijiet fuq t-tifla w irrizulta li ma kienx hemm sinjali ta’ penetrazzjoni fuqha u fil-fatt spjegaw li jekk kien hemm xi attentat ta’ penetrazzjoni, dan kien biss estern. Qalet li wara li saru dawn t-testijiet fuqha, Maria Barbara ghaddiet l-hwejjeg li kienet liebsa u li kienu l-istess li kellha l-jum ta’ qabel waqt l-allegat incident, lil Robert Cardona. Ziedet tghid li wara kemm Maria Barbara kif wkoll ommha Doris Barbara marru maghha l-ufficju sabiex ikellmuhom hemmhekk.

Meta Maria Barbara giet mitkellma mix-xhud, din qalet li l-bniedem li kellu relazzjoni maghha kien certu Charlie minn Haz Zabbar u li skond hi, kellu tnejn w erbghin sena, ghaliex hekk kien qalilha hu stess. Qalet li Maria Barbara qaltilha wkoll li ma kienetx ghamlet rezistenza ghal dan w ghalhekk ix-xhud dehrilha li din kienet qed titkellem dwar dan Charlie bhalikieku kien qisu l-*boyfriend* taghha. Qalet li Maria Barbara qaltilha wkoll li barra dakinhar, hi kien gia kellha relazzjoni ntima mieghu f’zewg okkazzjonijiet ohra go post li ghadu qed jinbena fejn kien hemm saqqu. Qalet li Maria Barbara qaltilha wkoll li kienet saret taf lil dan Charlie peress li kien ikun ma xi hbieb tal-istess eta taghha jew forsi ftit akbar u hu kien imur mat-tifel ta’ huh li hu guvni ta’ sbatax il-sena maghhom. Qalet li qaltilha wkoll li xi gimgha qabel l-allegat incident hi u dan Charlie bdew jinqatghu minn mal-grupp u joqghodu wahedhom jitbewwsu waqt li Charlie kien joqghod imissilha sidirha u l-parti taghha kemm b’idejh kif wkoll b’halqu u dan minn fuq kif wkoll minn taht il-hwejjeg.

Maria Barbara kompliet tghid lix-xhud li dakinhar tal-Hadd, ghoxrin ta’ Lulju 2003, hi kienet iltaqghet mal-hbieb taghha bhas-soltu f’Misrah s-Sliem, Haz Zabbar fejn il-klinika ta’ Doctor Josie Muscat. Qaltilha li dakinhar lil Charlie kienet wasslitu n-neputija tieghu Lorraine u ghal xi t-tmienja dan qalilha biex tmur mieghu ghan din Lorraine biex joqghodu bhala *baby sitters* maz-zewgt itfal ta’ Lorraine peress li kellha bzonn tohrog u fil-fatt hekk ghamlu. Maria Barbara kompliet tghid lix-xhud li meta kienu hemmhekk, hi u Charlie marru fil-kamra tas-sodda, Charlie nehhilha hwejjigha, telghu fuq s-sodda u Charlie beda jbusha u jmissha. Maria Barbara qalet lix-xhud wkoll li dakinhar hi mmastubat lil Charlie waqt li hu kellu sess orali maghha u li aktarx ejakola fuq l-istess lozor li kienu fuqhom.

Ix-xhud kompliet tghid li Maria Barbara qaltilha li hi kienet taf li dan kien ghal habta tad-disgha w ghoxrin ta’ filghaxija peress li kienet qalet lil Charlie biex imorru lura d-dar peress li kellha tkun hemm fid-disgha w nofs u kif lestew, libset u marret lura d-dar. Ix-xhud qalet li Maria Barbara qaltilha li kif waslet d-dar sabet lil ommha tinstenniha u telghet ma ommha fil-karozza u telqu lejn l-Qawra.

L-Ispettur Sharon Tanti ziedet tghid li Maria Barbara tghix man-nanna taghha f’Haz Zabbar peress li ommha u missierha separati u ommha tghix l-Qawra u peress li Maria Barbara u huha ma riedux jinqatghu minn ma hbiebhom, baqghu jghixu Haz Zabbar man-nanna. Ix-xhud kompliet tghid li dakinhar Doris Barbara kienet hemmhekk ghaliex kienet waslet lil Maria Barbara peress li kienet saret taf li kienet qed tkun fil-kumpanija ta’ ragel kbir u kienet qaltilha li jekk tiddardja izjed mid-disgha w nofs kienet ser tohodha lura maghha l-Qawra u fil-fatt hekk ghamlet. Qalet li dakinhar Maria Barbara ma kienet ammettiet xejn ma ommha dwar dak li kien gara, izda t-Tnejn filghodu kienet qalet lil ommha li kienet halliet lil Charlie jmissha u kien ghalhekk li ommha kienet ghamlet kuntatt ma *social worker* biex tiggwidha x’kellha taghmel f’dawk ic-cirkostanzi.

Ix-xhud qalet li ghalhekk kienet tat struzzjonijiet lin-nies taghha biex ifittxu lil dan Charlie minn Haz Zabbar fejn gie assikurat li kien Charlie Camilleri li joqghod Triq Santa Duminka, Haz Zabbar flimkien man-neputija tieghu Lorraine. Qalet li meta waslu hemm, kellhom jistennew xi ftit peress li ma kienx hemm u fil-fatt l-ewwel ma waslet kienet Lorraine. Ix-xhud qalet li qabel ma hadu lil Charlie d-Depot gew elevati l-lozor li kien raqad fuqhom li gew mghoddija lis-Serologista Robert Cardona ghal aktar investigazzjoni.

L-Ispettur Sharon Tanti ziedet tghid li qabel ma tkellmet mal-imputat, dan inghata s-solita twissija u dan stqarr maghha li hu u Maria Barbara kienu intimi pero nnega li qatt ippenetraha. Qalet li qal li ghalkemm hu kien tela' fuqha, penetrazzjoni ma kienx hemm. Qalet li hu kien stqarr maghha li Maria kienet qaltlu ghall-ewwel li kellha sbatax il-sena ser taghlaq tmintax pero shabha kienu qalulu li kellha biss tnax il-sena ser taghlaq tlettax. Ix-xhud qalet li dak il-hin ccarat mal-imputat li dak li kien ghamel ma Maria Barbara l-Hadd filghaxija kien ghamlu ma tifla li kien jaf li ghandha tnax il-sena. Qalet li l-imputat kien ikkonferma dak li kienet qalet Maria Barbara qabel u cioe li kien hemm zewg okkazzjonijiet meta marru f'post li kien ghadu qed jinbena u qaghdu fuq saqqu f'kamra u li kien hemm koppja izghar ohra f'parti ohra ta' din id-dar, jghamlu l-istess.

Qalet li l-imputat irrilaxxja stqarrija li ghazel li jiffirma u li esibit bhala dokument ST [fol 17].

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2003 **xehdet Doris Barbara** [fol 20] fejn qalet li hi tigi omm Maria Barbara ta' tnax il-sena li dak iz-zmien kienet tghix ma ommha Haz Zabbar. Qalet li minn dakinhar tal-incident regghet irritornat tghix maghha fil-Qawra. Ftakret li kien hemm okkazzjoni meta kienet wasslet lil bintha Haz Zabbar peress li xtaqet tmur ma shabha zaghzagh, hdejn il-bandli. Qalet li dak iz-zmien bintha kienet ghaddejja minn atteggjament divers fis-sens li kienet iddum barra u bdiet tirrispondiha w ghalhekk kienet hasbet li kien hemm xi haga hazina fiha. Qalet li dakinhar kienet telqet minghand

ommha fit-tmienja ta’ filghaxija bhas-soltu taparsi sejra lura lejn l-Qawra pero minflok marret tfittex lil bintha Maria Haz Zabbar pero ma sabithiex fil-post tas-soltu w iltaqghet ma omm tifla ohra li qaltilha dwar incident li kien sehh qabel u cioe li kienu qalulha li kienu sejrin *barbecue*, meta fil-fatt marru fil-kumpanija ta’ l-imputat. Ix-xhud kompliet tghid li din il-mara kienet qaltilha li l-imputat kien mar ihabbtilha l-bieb biex jghidilha li kien missier wiehed mit-tfal li jkunu maghhom u biex ma tinkwetax ghaliex t-tfal kienu ser ikunu fil-kumpanija tieghu, meta fil-fatt ma kienx veru li kien missier wiehed minn shab t-tfal taghhom. Qalet li dakinhar lit-tifla Maria Barbara, sad-disgha w nofs ta’ filghaxija baqghet ma sabithiex w ghalhekk regghet lura ghand ommha u meta Maria Barbara waslet fl-ghaxra neqsin ghoxrin ta’ bil-lejl, haditha lura maghha l-Qawra u ma hallithiex torqod Haz Zabbar.

Doris Barbara kompliet tghid li fit-triq, meta staqsiet lil bintha fejn kienet, din qaltilha li kienet mal-imputat timxi. Qalet li meta kienet ghadha qed tfittixha, kienet ghaddiet mit-triqat li bintha qaltilha li kienet fihom, pero ma kienetx ratha w ghalhekk qalet lil bintha li kienet ser tohodha ghand tabib peress li bdiet tissususpetta hazin f’bintha. Qalet li l-ghada filghodu bintha qaltilha li l-imputat kien messha u dak li kien ghamel maghha. Maria Barbara qaltilha li l-imputat kien dahhal l-parti genitali tieghu f’taghha u ghalhekk wara li saret taf dan kollu, hadet lil bintha s-CPU u bdiet il-proceduri odjerni. Qalet li mis-CPU giet mibghuta l-isptar biex tigi nvistata minn tabib fejn qalulha li bintha kienet ghadha vergni u l-probabbilita kienet li l-aggressur taghha beda biex jaghmel penetrazzjoni pero ma kompliex. Qalet li bintha, ghalkemm ghandha tnax il-sena, hija maghmula kbira. Qalet li minn dakinhar hi baqghet tiehu lil bintha ghand *counsellors* u l-atteggjament taghha rega’ beda gej ghan-normal fis-sens li regghet bdiet tilghab ma ohtha izghar minnha u sahansitra anke talbitha sabiex tixtrilha *puppy* u donnha trid tinsa dak l-perjodu f’hajjitha.

Qalet li kienet issuspettat fl-imputat peress li kien hemm xi nies minn Haz Zabbar li kienu qalulha li hu kien qed ikun fil-kumpanija ta’ bintha u tfal ohra hdejn il-bandli.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Lulju 2003 **xehdet Lorraine Camilleri** [fol 23] fejn qalet li l-imputat jigi hu missierha u li hi toqghod fi Triq Santa Duminka, Haz Zabbar. Qalet li l-imputat jghix maghha u ma wliedha, zewg subien ta’ hames snin u sena. Qalet li nhar l-ghoxrin ta’ Lulju 2003, l-imputat kien ser jiehu hsieb t-tfal taghha peress li kellha bzonn tohrog. Qalet li dakinhar wasslitu hdejn Misrah s-Sliem, Haz Zabbar, hdejn il-klinika ta’ St. James fejn, sa fejn taf hi, kellu jkun hemm shabu zaghzagh li jkun s-soltu maghhom. Qalet li ghal habta tad-disgha, kien mar ghandha flimkien ma tfajla Maria. Qalet li hi taf lil din t-tfajla Maria biss minn wiccha u gieli ratha fil-kumpanija taghhom. Qalet li dakinhar wara ftit, ghal xi d-disgha w ghoxrin ta’ bil-lejl, hi harget u halliet lil uliedha reqdin d-dar. Qalet li adulti ohra fid-dar, ma kienx hemm apparti l-imputat. Qalet li hi rritornat lura d-dar ghal xi s-saghtejn ta’ filghodu pero Maria ma kienetx hemm, kien hemm l-imputat biss ma uliedha. Qalet li l-imputat, lilha qatt m’ghamlilha xi referenza ghal Maria Barbara.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 2003 **xehdet l-allegata vittma minuri Maria Barbara permezz tas-sistema ta’ video conferencing** [fol 31] fejn, wara li gie spjegat lilha s-sinifikat tal-gurament qalet li darba minnhom kien hemm okkazzjoni fejn kienet marret il-pjazza u waqt li kienet qed tistenna lil shabha jigu, kien mar l-imputat Charlie Camilleri. Qalet li dan kien mar hdejha u t-tifla ta’ huh Lorriane kienet qaltilha biex imorru ghandha u hi hekk ghamlet, marret mal-imputat ghandha. Qalet li wara li waslu ghand Lorraine, Lorriane harget u halliet lilha u lil imputat bhala *baby sitter* mat-tfal taghha li wiehed minnhom kellu xi tmien snin u l-iehor xi sentejn.

Qalet li t-tfal kienu fil-kamra taghhom jaraw film u hi u l-imputat marru f’kamra tas-sodda, l-imputat tefa’ d-dawl u mar fuqha waqt li kienet fuq s-sodda, nehha l-qalziet ta’ taht u kellhom x’jaqsmu ma xulxin. Qalet li l-imputat beda jmiss l-parti genitali taghha b’tieghu u anke dahhal l-parti tieghu f’taghha. Mistoqsija mill-Qorti jekk hi waqfithux milli jaghmel hekk, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk kienetx qalet lil imputat li kellha biss tnax il-sena, x-

xhud qalet li hu kien jaf kemm kellha zmien ghaliex gieli kien staqsiha qabel.

Qalet li wara libset, u marret lura ghand n-nanna taghha fejn sabet lil ommha tistenniha u haditha maghha d-dar tal-Qawra. Spjegat li lil ommha kienet qaltilha b'din l-istorja l-ghada filghodu. Mistoqsija mill-Qorti jekk kienx hemm xi drabi ohra li gara dak li rrakkuntat aktar kmieni, ix-xhud wiegbet li kien hemm drabi ohra. Irrakkuntat li darba minnhom kienu marru f'post li ghandu fi stat ta' kostruzzjoni f'Haz Zabbar fejn kien hemm saqqu u kienu wzawh ghas-sess. Qalet li kellha x'taqsam mal-imputat fi tlett okkazzjonijiet biss. Mistoqsija mill-Qorti jekk apparti l-imputat, kellhiex x'taqsam ma xi hadd iehor, ix-xhud qalet li ma l-imputat biss kellha x'taqsam b'dak l-mod.

Mistoqsija x'kien gara bil-preciz meta kienu fil-kamra tas-sodda ghand Lorraine, ix-xhud qalet li waqt li kienu hemm, l-imputat beda juriha xi ritratti ta' xi nies u tfal u beda jghidilha fuqhom u qalilha biex tmisslu l-parti genitali tieghu u timmasturbah. Qalet li meta bdiet taghmel hekk, l-parti tieghu ibbies ftit imbaghad dahhal l-parti tieghu f'taghha u ejakola fuqha. Qalet li hu kien qalilha li kien ihobbha, beda jmissilha sidirha u l-parti privata taghha, biesha fuq il-parti taghha u sidirha. Qalet li ghaliha, l-imputat kien bhala l-*boyfriend* taghha.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2003 **xehed Robert Cardona** [fol 40] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dokument RS [fol 42]. Qal li mill-ezamijiet li hu ghamel fuq kampjuni ta' demm dan kien kien O Positive u l-kampjuni tal-tad-demm tal-imputat rrizulta li dan huwa AB Positive. Qal li rrizultalu wkoll rizultat posittiv ghal presenza ta' *acid phosphates* li hu komponent ewlieni tas-semine fuq zewg *swabs*, fuq il-*vulval swab* u fuq il-*vaginal swab*. Kellu wkoll rizultat posittiv fuq qalziet ta' taht iffjurit, *shorts three quarters* minn naha ta' gewwa li huma l-hwejjeg ta' Maria Barbara u l-lizar ta' lewn abjad bic-celesti. Qal li pprova johrog l-*blood groups* minnha w inghata rizultat ta' demm mis-semine ta' grupp AB.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 2003 **xehed Doctor Yves Muscat Baron** [fol 68] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument YMB [fol 70]. Qal li hu kien ezamina lil Maria Barbara minuri ta’ tnax il-sena fil-presenza ta’ ommha Doris Barbara. Qal li l-minuri kienet allegat li lejliet ghal habta tad-disgha w ghoxrin ta’ filghaxija, kienet iltaqghet ma ragel, li fil-fehma taghha kellu tnejn w erbghin sena li semmietu bhala Charles, fil-pjazza ta’ Haz Zabbar u minn jeddha staqsietu biex jakkumpanjha fir-residenza tan-neputija tieghu biex ikollhom relazzjoni sesswali. Qal li fizikament staqsiha jekk kienx minnu dak li kienet qed tallega u ghal diversi drabi qalet li kienet l-idea taghha. Qaltlu wkoll li ma kienetx taht l-ebda effett tad-drogi jew alkohol u meta eventwalment waslu fir-residenza tan-neputija ta’ dan Charles, hi qabdet u nezghet gharwiena, marru fuq is-sodda hi u Charles u dan dahhal l-parti genitali tieghu ftit fil-parti genitali taghha. Qalet li hu voluntarjament waqaf milli jikkompleta l-att taz-zwieg u sussegwentement ejakola fuq is-sodda. Zied jghid li Maria Barbara qaltlu wkoll li dik kienet l-ewwel darba li kellha relazzjoni sesswali.

Qal li mill-ezami li hu ghamel fuq il-minuri, rrizulta li din ghandha statura kbira u rrizultalu li ma kien hemm ebda *briusing* jew vjolenza fuq il-persuna taghha. Zied jghid li mill-ezamijiet li ghamel fuq il-parti genitali tal-minuri ma rrizultalu ebda sinjal ta’ vjolenza u l-*hymen* kienet tidher intatta. Qal li meta hu ezaminha, kemm kemm dahlu zewg kappep tas-swaba tieghu. Qal li sussegwentement ha xi *swabs* mill-parti tal-minuri iktar fuq barra u fil-fehma tieghu, l-minuri kienet ghadha vergni.

Illi nhar s-sitta ta’ Dicembru 2004 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 112] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 113]. Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li s-segwenti:

a. li nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2003, u cioe fil-gurnata meta zamm l-ezami medikolegali fuq Maria Barbara, ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq il-persuna taghha li jindikaw li ntuzat xi vjolenza fuqha;

b. li ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq il-parti genitali ta' Maria Barbara;
c. li l-*hymen* kienet intatt u elastika;
d. li ma kienx hemm evidenza forensika ta' penetrazzjoni vaginali;
e. Illi ghalkemm Maria Barbara nstabet li kienet vergni, hi kellha wkoll *hymen* elastika li jfisser li ghalkemm din il-*hymen* ghadha ntatta, setgha xi darba kien hemm penetrazzjoni genitali u din baqghet ma ccartitx li jfisser li jekk kien hemm penetrazzjoni, kien hemm l-ko-operazzjoni ta' Maria Barbara.

Illi nhar t-tnejn ta' Marzu 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 126] fejn qal li hu ghandu erbgha w hamsin sena u ilu jghix hawn Malta ghal dawn l-ahhar tlettax il-sena. Qal li ghamel tnax il-sena jghix l-Ingilterra fejn ghandu l-mara u t-tfal. Qal li meta gie lura Malta, ghamel xi zmien jghix ma mara ta' hamsa w erbghin sena pero wara nfirdu u mar jghix f'kamra wahdu f'Bormla u peress li spicca jbati mid-diabete u b'qalbu, iddecida li jmur jghix mat-tifla ta' huh f'Haz Zabbar. Qal li din ghandha zewgt itfal u maghha kien jghix wkoll l-gharus taghha.

Qal li f'Lulju 2003, kien ghadu jghix Haz Zabbar maghha. Qal li Haz Zabbar kien jaf lit-tfal ta' hutu u lil hbiebhom. Qal li t-tifla li kien jghix maghha ghandha tnejn w ghoxrin sena. Qal li meta kien jghix Haz Zabbar kien johrog mat-tifel ta' huh li ghandu ghoxrin sena li jismu Alex u gieli kienu jmorru sal-pjazza jiehdu *drink* u gieli marru xi *party*. Qal li t-tifel ta' huh kellu hafna hbieb u kien laqqghu ma shabu guvintur. Qal li waqt li kienu jkunu hemmhekk, kienu jmorru xi tfajliet ta' xi tmintax jew dsatax il-sena jkellmu lit-tifel ta' huh.

Mistoqsi kienx jaf min hi Maria Barbara, l-imputat wiegeb li kien jafha wara li l-Qorti qaltlu li hija t-tfajla li giet tixhed l-Qorti. Qal li hu kien jafha biss b'isimha. Qal li sar jafha meta kienu jkunu l-pjazza u kienu jmorru xi tfajliet jiccajtaw mat-tifel ta' huh. Qal li fil-fatt sar jafha xi gimgha jew tnejn wara li kien mar jghix Haz Zabbar u kienet tkun ma xi habiba ohra taghha.

Qal li din t-tifla kienet tiehu kunfidenza ma kulhadd u fil-fatt n-neputi tieghu kien qallu li kien jigi qisu missierha. Qal li din kienet taqbadlu idejh u tpoggihilu fuq sidirha, tnizzillu z-zip w iddahhal idejh fuq sidirha u kienet taghmel hekk biex tinki lil gharus li kellha. Qal li gieli qabditlu idejh u poggietilu fuq zaqqha wkoll. Qal li n-neputi kien jghidilha biex thallih kwiet u ma twaqqghux fit-tentazzjoni. Qal li hu gieli qalilha biex tnehhi idejha minn fuqu pero hi kienet tghidlu biex joqghod kwiet. Qal li kien jistaqsiha kemm kellha zmien u hi kienet tghid li kellha wiehed w ghoxrin sena. Qal li t-tifla in kwistjoni fiha tifla u qatt ma basar li kienet taht l-eta. Qal li lanqas gimgha ma dam johrog maghha ghax telaqha. Qal li mbaghad kienet tiehdu go post li ghadu qed jinbena bla bieb, fejn kien hemm wkoll saqqu, u fil-fatt anke rgiel ohra hadet hemmhekk u qaghdet tiggerra maghhom. Qal li l-guvintur li kienu jmorru maghha, kienu jghidulu x'kienu jaghmlu maghha. Qal li meta kienu f'dan il-post, bdew imissu lil xulxin w immasturbaw ukoll, pero bhala *intercourse* ma sar xejn. Zied jghid li Maria Barbara dakinhar bdiet tghidlu li thobbu u rieditu johodha hemmhekk u telqu kmieni.

Qal li t-tifla ma kienetx tghix ma ommha izda ma nannitha f'Haz Zabbar filwaqt li ommha kienet toqghod l-Qawra. Qal li t-tifla kienet tigdbilha lil nannitha meta kienet tghidilha li kienet tkun ma shabha, meta fil-fatt kienet tmur mal-guvintur u fil-fatt hu kien jarha diversi drabi m'irgiel ohra titbewwes. It-tifla kienet tiftahar li kellha *boyfriends*. Qal li darba minnhom hu kien sejjer joqghod bhala *baby sitter* mat-tfal tan-neputija tieghu u hi kienet marret mieghu u fl-ghaxra w nofs ta' bil-lejl telqet. Qal li wara dakinhar kien sar dan il-kaz u ma regghax kellimha.
Mistoqsi ghaliex lil pulizija ma qalilhomx li din t-tifla kienet toqghod taqbadlu idejh u tpoggihielu 'l hawn u 'l hemm, x-xhud irrisponda li meta gabruh il-pulizija kien daqsxejn xurban ghalkemm meta rrilaxxja l-istqarrija kien jaf x'qed jaghmel. Qal li lit-tifla gieli qalilha biex ma toqghodx tikkummiedja quddiem in-nies.

Meta saritlu referenza ghal istqarrija tieghu fejn kien qal li kien jaf li t-tifla kellha biss tnax il-sena, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf li qal hekk.  Qal li meta akkumpanjatu ghand n-neputija tieghu, hu u Maria Barbara qaghdu jitbewwsu, hi nezghet minn jeddha u qaghdu jmissu l-parti privati ta' xulxin pero *intercourse* m'ghamlux.  Qal li kien hemm okkazzjoni wkoll meta hu kien qed jimmasturba ma din t-tifla.  Qal li hu ghamel hekk darbtejn u cioe dakinhar u darb'ohra meta kienu marru f'dak l-post li kien ghadu qed jinbena.

Illi nhar s-sittax ta' Marzu 2005 **xehed Alex Camilleri** [fol 131 fejn qal li hu ghandu dsatax il-sena u li lil Maria Barbara kien jafha peress li kienu jkunu l-pjazza ta' Haz Zabbar flimkien mal-imputat u nies ohra.  Qal li t-tifla mhux li kienet tkun maghhom izda kienet tintefa maghhom pero huma ma kienux ikunu jriduha peress li kienu jkunu ftit nisa u kienu jkunu jridu joqghodu rgiel ghalihom.  Qal li t-tifla kellha grazzja mal-imputat ghalkemm kienet tohrog ma wiehed u biex tinki lil gharus, kienet tipprovoka lil imputat u toqghod tmiss 'l hawn u 'l hemm u taqbadlu idu u tpoggihilu fuq sidirha u l-imputat kien inehhiha.  Qal li darba minnhom kienet qalet lil imputat biex imorru f'post u telqu flimkien huma t-tnejn biss.  Qal li hu qatt ma kien jaf kemm kellha zmien u huma kienu jkunu zaghzagh ta' sittax jew sbatax il-sena u hi kienet izghar minnhom.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 **xehdet Anna Camilleri** [fol 144] fejn qalet li hi, lil Maria Barbara tafha ftit peress li kienet tmur wara l-bieb tad-dar taghha daqqa fis-siegha u daqqa fil-hamsa ta' wara nofsinhar u toqghod mat-tieqa, tghajjat lil imputat, li jigi hu r-ragel li kellha. Qalet li l-imputat kien johrog u jiltaqa maghha. Mistoqsija kemm il-darba kienet marret din t-tifla wara l-bieb taghha, x-xhud qalet li kwazi kuljum ghal hmistax. Qalet li darba minnhom kienet gejja minn barra u rat lil Maria Barbara fil-kumpanija tal-imputat l-ajruport.  Qalet li kienet takkumpanja lil imputat anke l-pixxina u kienu jmorru jghumu flimkien.  Qalet li meta kienet tarhom flimkien, qatt ma rathom jaghmlu xi haga hazina, kienu jkunu jiccajtaw flimkien. Qalet li Maria Barbara qatt ma kellmitu dwar l-imputat u lanqas hu ma qatt kellimha fuq

din t-tifla. Qalet li Maria Barbara ghandha bejn sittax u sbatax il-sena pero kienet tidher ta’ tmintax. Mstoqsija x’kienet tilbes t-tifla ix-xhud qalet li kienet tilbes bhal tfajliet ohra, xi dublett qasir.

In kontr’ezami ix-xhud qalet li hi ma kienetx ghadha toqghod fejn kienet toqghod sena qabel u lil Maria Barbara kien ilha zmien ma taraha. Qalet li t-tifla kienet toqghod triq ‘l fuq minn fejn kienet toqghod hi. Qalet li gieli kien ikun hemm xi tfajla ohra ma Maria Barbara wara l-bieb taghha pero kienet tkun Maria Barbara li kienet toqghod tghajjat lil imputat. Mistoqsija jekk kienux jmorru xi guvintur tamparha jghajjtu lil imputat, ix-xhud irrispondiet fin-negattiv.

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2003, u cioe l-ghada li gie rappurtat l-incident, liema stqarrija tinsab esibita fl-atti a fol 17 markata bhala dokument ST.

Minn esami ta’ din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien ammetta li kien jaf li Maria Barbara kienet minuri u li gieli biesha jew messilha sidirha jew l-parti privata taghha b’idejh jew b’halqu u li gieli ghamel l-parti tieghu ma taghha, meta kien ikollhom l-hwejjeg imnezzghin. Jammetti li saru f’fond li ghadu taht kostruzzjoni f’Haz Zabbar fuq saqqu.

Spjega fid-dettal dak li kien sehh fid-dar ta’ Lorraine jumejn qabel u cioe li kien fil-kamra tas-sodda taghha waqt li t-tfal kienu f’kamra ohra u kellu kuntatt fiziku ma Maria Barbara. Ikkonferma li *intercourse* pero ma kellux maghha.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza mhux qed tikkkontesta li l-imputat kellu relazzjoni sesswali mal-minuri Maria Barbara pero eccepiet li l-allegata vittma Maria Barbara kienet gia korrotta w ghalhekk ma setghetx tigi ulterjorment korrotta.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha ticcita s-sentenza moghtija ***nhar t-tnejn ta' Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v James Demanuele** li tghid s-segwenti:

*“Il-fatt li persuna minuri jkollha relazzjoni [jew addirittura relazzjonijiet] sesswali f’okkazzjonijiet antecedenti ghal dawk mertu tal-imputazzjoni, ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna tkun diga tant korrotta li ma setghetx tigi aktar korrotta bl-ghemil zieni imputat.”*

Kif inghad f’dik is-sentenza u fis-sentenza aktar recenti fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Buttigieg** deciza ***nhar t-tnax ta’ Settembru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:***
*“Kif dejjem gie ritenut mill-qrati taghna, in tema ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta’ kull kaz.”*

Fi kliem **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano UTET [Torino]*** 1924 Vol III para 1476 pg 189] jghid:

*"E’ una indagine… da istituirsi caso per caso dal giudice, e nonostante le difficolta’ e incertezza inseparabbli da tale apprezzamento, riteniamo che questa sia la soluzione piu corretta, di fronte al testo o allo spirito dell’articolo 335, evitando quindi le due estreme opinioni secondo l’uno delle quali sussiste sempre il reato qualunque sia la precedente corrruzione del minore, e secondo l’altra si esclude la sussistenza del reato medesimo ogni qualvolta la vittima non sia nuovo alle pratiche venere e senza curarsi di stabilire se la sua corruzione sia suscetiva di aggravamento per effetto di nuove atti, lasciando cosi’ indifesi in preda alla turpitudine altrui fanciulli che, caduti spesso senza loro colpa, sulla via del vizio, se ne potrebbero ritornare ove altri non abusasse delle loro inesperienze o leggerezze per consumare la rovina.”*

Illi dan nonostante ma jirrizultax mill-provi li l-vittma minorenni b’xi mod kienet giet korrotta qabel ghaliex fil-fatt hija biss allegazzjoni da parti tal-imputat u michuda mill-vittma. Ix-xhieda li ressqet d-difiza jghidu biss li l-

minorenni gieli rawha titbewwes ma xi guvni. Illi l-imputat ghamel hafna aktar maghha milli hekk biss. Ma hemmx dubbju li l-minorenni hija tfajla minghajr esperjenza u vulnerabbli w inqabdet f'sitwazzjoni fejn l-imputat ragel matur abbuza minnha bil-mod deskritt minnu stess. **Is-socjeta tkun qed tonqos gravament, anzi b'mod atroci li kieku ma taghtix l-protezzjoni taghha, anke permezz ta' sanzjonijiet penali lil min jinqabad f'sitwazzjoni simili**.

Skond l-gurista Taljan **Francesco Carfora** fil-ktieb tieghu ***Digestivo Italiano*** jghid li:

"*Atti li libidine ... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre che possano ecitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine… senza poi entrare nelle varie questioni sorte nelle pratice o nelle gurisprudenza circa alle valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine… noi rileveremo come norma generali che gli atti a cui si riferisce la legge debbono essere materiali e di certa entita e tali da aver rapporto prossimo e dirette colle funzioni sessuali.*"

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li dak li ghamel l-imputat kif ormai deskritt minnu stess fl-istqarrija li rrilaxxja l-Qorti, ghamlu biex jissodisfa l-gibdiet sesswali tieghu u jammonta ghal *atti di libidine* fis-sens tal-ligi taghna.

Ghalhekk din l-akkuza tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar t-tieni akkuza, u cioe dik deskritta fl-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li offenda l-pudur pubbliku, din tirrizulta wkoll ghaliex l-imputat ghamel diversi *atti di libidine* f'dar li ghadha fi stat ta' kostruzzjoni, miftuha ghal pubbliku.

Illi dwar l-akkuza li l-imputat kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fliet il-process bir-reqqa kollu w innutat li l-Prosekuzzjoni naqset li tesibixxi s-sentenza kwotata minnha fl-akkuza u cioe dik

allegatament moghtija nhar s-sitta ta’ Gunju 2003 mill-Qorti tal-Magistrati w ghalhekk l-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati taghha.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 6 tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kiser dufrejh mal-lig f’zewg okkazzjonijiet fis-sena 1966 meta nstab hati ta’ kontravenzjoni u ta’ frodi meta nghata probation fis-sena 2003.

Illi minn dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-imputat ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu fil-Qorti ghaliex jinsab akkuzat bir-reati odjerni.

Illi ghalkemm huwa veru li l-vittma inkoraggiet lil imputat f’dak li ghamel, l-imputat messu kien jaf ahjar kif igib ruhu ma minorenni u huwa d-dover tal-Qorti li tipprotegi c-cittadin dghajef.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 203 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, tiddecidi li qed issib lil imputat CARMEL CAMILLERI hati tal-akkuza ta’ korruzzjoni ta’ minorenni u ta’ offizi ghal pudur ta’ Maria Barbara maghmuliln fil-pubbliku u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati talli kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-liema akkuza qed tilliberah.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------